**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 758/2021DC**

***Anthony Vella et***

***vs***

***Salvinu sive Saviour Micallef et***

Illum, il-15 ta' Jannar 2024

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-konvenuti Saviour u Antoinette konjuġi Micallef preżentat fit-12 ta' Ottubru 2023[1] permezz ta' liema talbu l-awtorizazzjoni biex jippreżentaw eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma nhar it-23 ta' Ottubru 2023[2] l-atturi ħadu konjizzjoni tar-rikors u l-konvenuti konjuġi Micallef ġew ordnati biex permezz ta'nota jindikaw liema huma l-eċċezzjonijiet li xtaqu jissollevaw f'dan l-istadju.

Rat in-nota tal-konvenuti konjuġi Micallef preżentata fil-25 ta' Ottubru 2023[3] permezz ta' liema indikaw li l-eċċezzjonijiet li huma xtaqu jissolevaw f'dan l-istadju huma s-segwenti:

> *mingħajr preġudizzju u subordinatament għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni diġa' mogħtija, 1-esponenti m'għandhom jagħtu xejn;*
>
> *dan għaliex l-konvenuti la qatt kienu diretturi, la qatt kellhom sehem u/jew parteċipazzjoni fin-negozju; qatt ma kienu segretarji u/jew*

[1] A fol 132.
[2] A fol 134.
[3] A fol 141.

*officers tal-kumpanija; qatt ma ffirmaw ċekkijiet ma ffirma u anqas qatt ma kellhom aċċess għal internet banking tal-kumpanija M+V Food & Beverages Imports Limited.*

Rat ir-risposta ta'l-atturi preżentata fit-3 ta' Novembru 2023[4] permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi opponew it-talba.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi qabel ma tinoltra ruħha l-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħmel xi osservazzjonijiet dwar il-premessi li fuqhom hija bażata it-talba odjerna ai fini ta' liema l-imsemmija premessi ser jiġu riprodotti verbatim:

1. *Illi din il-kawża tinsab differita għat-23 ta' Ottubru 2023;*
2. ***Illi fid-digriet tat-3 ta' Lulju 2023, l-esponenti ġew ordnati iressqu l-provi tagħhom kollha sia tal-eċċezzjonijiet u sia fil-mertu;***
3. *Illi fid-dawl tal-aħħar verbal tal-1 ta' Ġunju 2023, fejn ġie aċċenat illi l-eċċezzjoni fil-mertu tressqet mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, l-esponenti jagħmlu referenza għar-risposta ġuramentata prezentata minnhom fit-31 ta' Awwissu 2021, fejn irriservaw li jitolbu li jeċċepixxu ulterjorment;*

Illi a skans ta' ekwivoċi l-Qorti ser terġa tirrintraċċa brevement l-iter li segwiet din il-kawża:-

- Ir-rikors ġuramentat ġie preżentat fit-2 ta' Awwissu 2021; il-konvenuti gew notifikati bih f'dati differenti.
- Fir-risposta ġuramentata tagħhom, preżentata fil-31 ta' Awwissu 2021[5], il-konvenuti Saviour u Antoinette Micallef issollevaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u dan *salv eċċezzjonijiet oħra.*
- Il-konvenuti l-oħra, debitament notifikati, baqgħu ma preżentawx risposta ġuramentata.
- Waqt l-udjenza miżmuma fis-6 ta' Diċembru 2021[6], u issa li l-konvenuti kollha kienu notifikati u t-terminu għall-preżentata tar-risposta ġuramentata kien skada fil-konfront tal-konvenuti kollha, il-Qorti, kif diversament presjeduta ħalliet il-kawża għall-ġbir tal-provi ta'l-atturi; dan neċessarjament

[4] A fol 142.
[5] A fol 20.
[6] Ref verbal a fol 27.

ifisser li kienet ser tingħata sentenza waħda fuq l-eċċezzjonijiet u l-mertu għaliex altrimenti kien ikun hemm l-inverżjoni tal-provi u l-konvenuti kienu jibdew bil-provi tagħhom dwar il-preskrizzjoni. Il-konvenuti Saviour u Antoinette Micallef, debitament assistiti, kienu preżenti għal din l-udjenza.

- L-atturi bdew iressqu l-provi u waqt l-udjenza miżmuma fit-28 ta' Novembru 2022[7] iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu[8] u l-kawża ġiet differita għall-kontro-ezami, da parti tal-konvenuti, ta'l-attur Anthony Vella.
- Fit-13 ta' Jannar 2023 din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta[9].
- L-udjenzi tal-31 ta' Jannar 2023 u tat-28 ta' Marzu ġew differiti[10].
- Waqt l-udjenza miżmuma f'l-1 ta' Ġunju 2023[11] il-konvenuti Micallef talbu ir-rikuża ta'l-Imħallef sedenti, liema talba ġiet miċħuda. F'dak l-istadju l-konvenuti Micallef, minflok proċedew biex jagħmlu l-kontroeżami ta'l-attur jew iressqu xi provi oħra, għamlu t-talba biex il-Qorti l-ewwel tisma' u tiddeċiedi l-ecċċezzjoni tal-preskrizzjoni.
- Illi din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' degriet mgħoti waqt l-udjenza miżmuma fit-3 ta' Lulju 2023[12] meta l-kawża mbagħad ġiet differita għall-provi tal-konvenuti; il-konvenuti konjuġi Micallef, debitament assistieti, kienu preżenti għal din l-udjenza.
- Illi fit-12 ta' Ottubru 2023 ġie preżentat ir-rikors odjern.

Illi dan stabbilit għandu jiġi rilevat li fil-waqt li l-konsegwenza naturali taċ-ċaħda tat-talba tal-konvenuti konjuġi Micallef biex il-Qorti l-ewwel tiddeċiedi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kienet l-ordni, mgħoti fit-3 ta' Lulju 20203, biex il-kawża titkompla bil-ġbir tal-provi kollha tal-konvenuti konjuġi Micallef, il-kawża kienet ilha stradata f'dan is-sens, cioe li jinġabru l-provi kollha tal-partijiet dwar il-mertu u l-eċċezzjonijiet, mill-bidu tagħha. Konsegwentement l-ordni mgħoti fit-3 ta' Lulju 2023 dwar il-ġbir tal-provi kien biss konferma tal-mod li fiha kienet stradat l-kawża mill-bidu tagħha u fil-verita ma biddel xejn fil-mod kif kienet miexja l-kawża.

Ikkunsidrat

Illi għadu jiġi rilevat ukoll li l-fatti li hemm referenza għalihom f'l-eċċezzjonijiet li l-konvenuti konjuġi Micallef jixtiequ jissollevaw f'dan l-istadju huma fatti li neċessarjament kienu jafu bihom sa minn qabel il-ftuħ ta' dawn il-proċeduri.

---

[7] Ref verbal a fol 99.
[8] B'riżerva li jġeibu prova ta' ħlasijiet futuri li jsir lill-Kummissarjaru tat-Taxxi.
[9] Ref degriet a fol 110.
[10] Minħabba indispożizzjoni ta'l-Imħallef sedenti.
[11] Ref verbal a fol 123.
[12] Ref verbal a fol 127.

Kienet għażla tagħhom li ma jissollevax l-eċċezzjonijiet in eżami fir-risposta ġuramentata tagħhom.

Ikkunsidrat

Illi dwar ix-xorta ta' eċċezzjonijiet u f'liema stadju għandhom jiġu sollevati jipprovdi l-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili fis-Subtitolu I tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb tiegħu. Il-Qrati tagħna kellhom diversi opportunitajiet biex jikkummentaw fuq dawn id-dispożizzjonijiet partikolarment wara l-emendi li ġew promulgati (f'l-artikoli 728 u 731) permezz ta'l-Att XXIV tas-sena 1995. Fis-sentenza mgħotija fis-16 ta' Diċembru 2003 mill-Qorti ta'l-Appell Superjuri fil-kawża f'l-ismijiet ***Sunspot Tours Limited vs C.H. Caterers Limited***, wara li dik il-Qorti ikkonstatat li l-imsemmija dispożizzjonijiet *qed joħolqu ċerta disgwid mhux biss fil-każ odjern iżda wkoll f'proċedimenti oħra fejn tinħass il-ħtieġa li jitressqu eċċezzjonijiet ulterjuri,* u wara li deherilha li *jkun utili għalhekk li jiġu eżaminati l-imsemmija provvedimenti sabiex jiġi stabbilit darba għal dejjem x'jista` jew ma jistax jsir 'pendente lite*', qalet hekk:

> *Kif ġia ngħad hawn fuq ir-regola ġenerali hija li l-eċċezzjonijiet kollha sew dilatorji kif ukoll dawk dwar il-meritu għandhom jingħataw fin-nota tal-eċċezzjonijiet jew fir-risposta skond il-każ. Għal din ir-regola hemm żewġ eċċezzjonijiet:-*
> *1) d-dritt tal-parti li tressaq eċċezzjonijiet oħra jekk tissodisfa l-Qorti li kien hemm raġunijiet validi l-għaliex ma jkunux ingħataw fin-nota tal-eċċezzjonijiet jew fir-risposta; u*
> *2) d-dritt tal-parti li tressaq dawk l-eċċezzjonijiet li jistgħu b'disposizzjoni espressa tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jingħataw f'kull waqt tal-proċedimenti, jew għall-eċċezzjonijiet li jinqalgħu waqt il-kawża. Fost dawn hemm l-hekk imsejħa eċċezzjonijiet perentorji li għandhom l-effett li jwaqfu l-proċeduri.*
>
> *L-Artikolu 731 li jitkellem dwar dawk l-eċċezzjonijiet li, b'disposizzjoni espressa tal-liġi, jistgħu jingħataw f'kull waqt tal-proċedimenti, jiddisponi espressament li f'dawn il-każi l-provvediment ta' l-Artikolu 728 ma jgħoddux. Dan jfisser li meta, waqt is-smiegħ tal-kawża, tinqala l-ħtieġa li tingħata eċċezzjoni perentorja jew kull eċċezzjoni oħra li, b'disposizzjoni espressa tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tista` tingħata f'kull waqt tal-proċedimenti, inklużi dawk l-eċċezzjonijiet li jinqalgħu waqt il-kawża, ma jkunx meħtieġ li ssir talba lill-Qorti kif kontemplat fis-subinċiż (2) ta' l-Artikolu 728 u konsegwentement hija eskluża kull diskrezzjoni ta' dik il-Qorti li teżamina jekk kienx hemm raġuni valida l-għaliex tali eċċezzjoni ma tkunx ingħatat fin-nota tal-*

> *eċċezzjonijiet jew fir-risposta. Dan għaliex l-eċċezzjonijiet perentorji għandhom l-effett li jwaqfu l-proċeduri, u l-eċċezzjonijiet li jinqalgħu waqt il-kawża qatt ma' setgħu jitressqu fi stadju tal-preżentata tan-nota tal-eċċezzjonijiet. L-indaġini tal-Qorti f'dawn il-każi għandha tkun limitata biex tistabilixxi jekk verament tali eċċezzjonijiet humiex ta' natura perentorja jew jekk il-ħtieġa tagħhom inqalatx waqt il-proċeduri.*

Illi l-istess ingħad f'sentenza ferm aktar riċenti, mgħotija ukoll mill-Qorti ta'l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2023, fil-kawża f'l-ismijiet ***Avv Dr Nicholas Valencia noe vs Hermes Aviation Limited***:

> *30. Il-liġi tgħid fl-Artikolu 728(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li meta l-kawża tkun inbdiet permezz ta' rikors maħluf, allura bħala regola ġenerali l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut għandhom jingħataw fir-risposta maħlufa. Skont l-Artikolu 158(1) talKodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, din ir-risposta maħlufa trid tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf.*
>
> *31. L-Artikolu 728(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jkompli jgħid li ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tingħata f'waqt ieħor tal-kawża, b'dan li l-Qorti tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut, tippermetti li jingħataw iktar eċċezzjonijiet, jekk il-Qorti tkun sodisfatta li kien hemm raġunijiet validi għaliex dawn l-eċċezzjonijiet ma jkunux ingħataw fir-risposta oriġinali.*
>
> *32. Madankollu din ir-regola ġenerali li eċċezzjonijiet addizzjonali għandhom jitħallew jitressqu biss jekk ikun hemm il-barka tal-qorti, ma tgħoddx f'żewġ sitwazzjonijiet speċifiċi, viz. (i) jekk l-eċċezzjoni addizzjonali tkun waħda li tista' titressaq f'kull waqt tal-proċeduri skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (ara Artikolu 731 talistess Kodiċi); u (ii) jekk l-eċċezzjoni addizzjonali tkun waħda ta' sura perentorja (ara Artikolu 732 tal-istess Kodiċi).*

Illi minn dan l-insenjament huwa ċar li l-eċċezzjonijiet kollha li mhumiex perentorji jew li b'dispożizzjoni espressa tal-liġi jistgħu jiġu sollevati f'xi stadju ieħor, għandhom jiġu sollevati fir-risposta ġuramentata. Huwa biss jekk jintwerew raġunijiet validi li l-Qorti tista' tawtorizza l-għoti ta' eċċezzjonijiet fi stadju inoltrat tal-proċeduri.

Illi dan stabbilit il-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħmel referenza għall-artikolu 158(11) tal-Kapitolu 12 fuq imsemmi. Dan jipprovdi hekk:

> *Ir-risposta ġuramentata tista', wara li jinġiebu l-provi tal-attur u qabel ma l-konvenut iġib il-provi tiegħu, tiġi emendata b'nota separata, sew bir-rinunzja ta' waħda jew oħra mill-eċċezzjonijiet, kemm b'żieda ta' eċċezzjonijiet oħra, bla ħsara għal dawk l-eċċezzjonijiet li jinqalgħu f'kull stadju tal-kawża.*

Illi minn qari ta' din id-dispożizzjoni jidher li jista' jkun hemm kunflitt bejn dak li tipprovdi din id-dispożizzjoni u dak li jipprovdi l-artikolu 728 tal-Kap 12. Dan għaliex a differenza ta' dak li jipprovdi l-artikolu 728, l-artikolu 158 qisu qed jagħti lill-konvenut l-fakolta li, ma'l-egħluq tal-provi ta'l-attur, iżied jew inaqqas l-eċċezjonijiet. Hija l-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti li dan il-kunflitt huwa biss apparenti u faċilment rikonċiljabbli.

Illi l-artikolu 158 jifforma parti mit-Tieni Ktieb tal-Kap 12 u senjatment dik it-taqsima li tirregola l-proċediment ordinarju fl-affarijiet kontenzjużi. L-artikolu 728 jifforma parti mit-Tielet Ktieb tal-Kap 12 dwar materji partikolari ta' proċedura. F'dak il-korp ta' dispożizzjonijiet li jirregolaw kif għandha titmexxa l-proċeduri tentati b'rikors ġuramentat, l-artikolu 158 jirrikonoxxi li mill-ġbir tal-provi ta'l-attur jistgħu jemerġu fatti u/jew ċirkostanżi li jiblu l-pożizzjoni tal-konvenut fil-proċediment, bdil li jimmerita t-tnaqqas jew żieda fl-eċċezzjonijet ġia sollevati.

Illi l-artikolu 728 (bħall-artikolu 731) fit-test preżenti tiegħu ġie introdott fis-sena 1995 permezz ta'l-Att XXIV u għalhekk ferm wara l-artikolu 158(11). Fis-sena 1995 il-leġiżlatur deherlu li kellu jirregola kif u f'liema stadju għandhom jitressqu l-eċċeżżjonijiet tal-konvenut billi, anke kif imfisser fil-ġurisprudenza fuq ċitata, introduċa r-regola li l-eċċezzjonijiet kollha għandhom jiġu sollevati f'l-istadju inizjali tal-proċeduri u huwa biss b'l-awtorizazzjoni tal-Qorti, għal raġunijiet validi, li jistgħu jiġu sollevati eċċezzjonijiet wara l-preżenta tar-risposta ġuramentata. Ta' ċerta relevanza hu l-fatt li meta, fis-sena 1995, il-leġiżlatur introduċa din ir-regola ġenerali f'l-artikolu 728 provda ukoll, permezz ta'l-artikolu 731, għal deroga minn din ir-regola ġenerali f'żewġ sitwazzjonijiet speċifici biss u cioe (kif fuq imfisser) fil-każ ta' eċċezzjonijiet perentorji u fil-każ ta' dawk l-eċċezzjonjijiet li l-liġi tipprovdi li jistgħu jiġu sollevati fi kwalunkue stadju. Kieku l-leġiżlatur ried jeskludi ċ-ċirkostanza predisposta f'l-artikolu 158(11) mill-effetti ta'l-artikolu 728 kien jinkludiha fid-derogi elenkati f'l-arikolu 731. La darba dan ma sarx l-unika interpretazzjoni li tista' tingħata lill-artikolu 158(11), anke b'ommaġġ għall-prinċipju li l-ebda artikolu tal-Kodiċi m'għandu jiġi moqri u interpretat f'iżolament imma fil-kuntest tad-

dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta'l-istess Kodiċi, hi li l-eċċezzjonijet imsemmija f'l-artikolu 158(11) għandhom jiġu sollevati skond ma jiddisponi l-artikolu 728. F'termini prattiċi dan ifisser li biex l-konvenut iżied eċċezzjonijiet immedjatament wara l-egħluq tal-provi ta' l-attur jeħtieġlu, skond kif jirrikjedi l-artikolu 728, jikseb l-awtorizazzjoni tal-Qorti wara li juri li hemm raġunijiet validi, ossia li l-htieġa ta' dawk l-eċċezzjonijet inħasset minhabba fatti u/jew ċirkostanzi ġodda li nġibu a konjizzjoni tal-konvenut biss fil-kors tal-ġbir tal-provi ta'l-atturi.

Illi fil-kaz in eżami u kif intqal aktar 'l fuq l-eċċezzjonijiet li jixtiequ jressqu issa l-konvenuti konjuġi Micallef, eċċezzjonijiet fil-mertu, huma bażati fuq fatti li jemergu direttemant mir-rikors ġuramentat u li kienu a konoxxenza tagħhom fil-mument li huma preżentaw ir-risposta ġuramentata. Konsegwentement dawn l-eċċezzjonijiet kellhom jitressqu f'dak l-istadju.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi **tiċħad it-talba** tal-konvenuti Saviour u Antoinette konjuġi Micallef dedotta fir-rikors tat-12 ta' Ottubru 2023 u tordna il-prosegwiment tal-kawża. Spejjeż relatati ma' dan ir-rikors ikunu a karigu ta'l-istess konvenuti Saviour u Antoinette konjuġi Micallef.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**